**GVERN TA' MALTA**
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT

# BL-OGĦLA DAWL LIBBIST

Ir-Riforma tas-Settur tal-Volontarjat u **Not for Profit**












Dokument ta' Konsultazzjoni Pubblika
**Frar 2024**

**Ir-Riforma tas-Settur tal-Volontarjat u Not for Profit**
*"Bl-oħla dawl libbist"*

**https://www.gov.mt/mt/publicconsultation/Pages/2024/L-0004-2024.aspx**

Ippubblikat mill-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, 2024

# DAĦLA

# MESSAĠĠ MILL-MINISTRU

**Julia** Farrugia Portelli | *Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat*

Il-Gvern jemmen li l-volontarjat għandu sehem soċjo-ekonomiku importanti f'pajjiżna. Illum is-settur evolva b'mod li jkopri fih numru wiesa' ta' organizzazzjonijiet li jkopru għadd ta' oqsma u setturi.

Kienet ilha tinħass il-ħtieġa li naġġornaw il-mod kif is-settur jkun regolat u fl-istess waqt jingħata l-opportunita' li jkompli jaħdem fl-oqsma tiegħu.

Huwa f'dan l-ispirtu li qed nipproponu dawn it-tibdiliet fil-qafas leġiżlattiv biex nissalvagwardjaw u nsaħħu s-settur u jkun hemm aġġornament fil-mod kif dan jkun regolat.

Il-proposti li qed jiġu preżentati huma bbażati fuq studju, analiżi, riċerka u diskussjonijiet mal-għaqdiet u għadd ta' stakeholders oħra. Kien proċess estensiv li ħares lejn l-operat tal-għaqdiet varji kif ukoll lejn ir-realtajiet li qiegħed jiffaċċja u anke l-mod kif ħafna persuni qed jibbenefikaw mis-servizz mogħti minn għadd ta' għaqdiet.

Il-Gvern huwa impenjat li jkompli jgħin lil dan is-settur, settur ħaj, mhux biss billi jkompli jinvesti fih, iżda billi jipprovdi qafas leġiżlattiv li jindirizza d-diversita' wiesa' li s-settur tal-volontarjat f'Malta huwa mogħni bih.

# DAĦLA

**Jesmond** Saliba | *Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji*

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji (OCVO) nieda proċess ta' konsultazzjoni, il-konvenzjoni VO Plus, bil-għan li jirriforma s-settur u jiżgura li jilħaq il-ħtiġijiet preżenti u futuri tal-volontarjat f'Malta.

It-tnedija, li saret is-Sibt 4 ta' Diċembru 2021 fil-Palazz tal-President, saret taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta, l-E.T. George Vella.

Il-konvenzjoni kienet ispirata mill-prinċipju li s-settur tal-volontarjat irid ikompli jiġi rikonoxxut bħala pilastru importanti fis-soċjetà u jelimina n-narattiva tad-dilettantiżmu. Irridu nagħtu lis-settur is-saħħa u l-għodda li għandu bżonn biex ikunu jistgħu jiffunzjonaw kif suppost. Il-proċess tal-bidla jeħtieġ li jmur lil hinn mill-bidla leġiżlattiva u rridu ninnavigaw is-settur b'mod kollettiv.

Il-konvenzjoni inkludiet 'il fuq minn 1,300 laqgħa ma' organizzazzjonijiet, reviżjoni tal-operazzjonijiet u strutturi tal-organizzazzjonijiet kollha rreġistrati u 2 proġetti ta' riċerka.

Tema prevalenti ħafna fil-konvenzjoni kienet li, filwaqt li x-xogħol fis-settur tal-volontarjat huwa esperjenza ta' sodisfazzjon, huwa wkoll meqjus minn ħafna bħala xogħol ta' sfida bla bżonn.

Ġie nnutat  li hemm bżonn li l-organizzazzjonijiet volontarji jiġu ddifferenzjati aktar - skont id-daqs, turnover, u l-iskop tagħhom - f'termini tar-rekwiżiti mqiegħda fuq l-organizzazzjoni.

Meta mistoqsija għall-opinjonijiet tagħhom dwar x'inhuma l-isfidi ewlenin tax-xogħol fis-settur tal-volontarjat, dawk li wieġbu taw tweġibiet varji. Dawn kienu jvarjaw minn kwistjonijiet ta' reklutaġġ ta' staff xieraq biex jissaportjaw l-organizzazzjonijiet tagħhom, il-ksib ta' finanzjament, u ż-żamma aġġornata mal-leġislazzjonijiet rilevanti. Fir-rigward tal-kwistjoni tar-reklutaġġ tal-istaff, is-sejba ta' voluntiera li huma lesti li jiddedikaw il-ħajja tagħhom għall-organizzazzjoni kienet enfasizzata bħala kwistjoni attwali. L-organizzazzjonijiet iż-żgħar huma mqiegħda fi żvantaġġ minħabba li huma soġġetti għal rekwiżiti ta' rappurtar u leġiżlazzjoni, li huma aktar applikabbli għal organizzazzjonijiet akbar li għandhom ir-riżorsi meħtieġa biex iwettquhom.

Sottotema relatata mal-ħtieġa ta' differenzi ta' organizzazzjonijiet li kienet imsemmija fil-focus groups, kienet li ħafna organizzazzjonijiet ma jaqblux mat-terminu 'organizzazzjoni volontarja' li jiġi applikat għall-organizzazzjonijiet kollha. Dan għaliex ċerti organizzazzjonijiet ikunu aktar definiti aħjar b'termini oħra, b'suġġerimenti li jinkludu 'it-tielet settur', 'organizzazzjonijiet mhux governattivi', jew 'organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ'.

Saru wkoll għadd ta' rakkomandazzjonijiet prattiċi fir-rigward tat-tip ta' appoġġ li dawk li wieġbu jemmnu li jgħinu lill-organizzazzjoni tagħhom biex tegħleb il-kwistjonijiet li jiffaċċjaw. Il-provvista ta' riżorsi u assistenza biex tiżdied il-viżibilità tal-organizzazzjonijiet, kif ukoll l-iffaċilitar ta' networking bejn l-organizzazzjonijiet, kienu suġġerimenti komuni. Il-ħtieġa li niddifferenzjaw rekwiżiti bbażati fuq id-daqs tal-organizzazzjonijiet ġie nnutat ukoll bħala mezz possibbli ta' titjib.

Is-sentiment ġenerali tat-tweġibiet għal din il-mistoqsija kien li l-organizzazzjonijiet huma interessati ħafna li jikkollaboraw mas-settur pubbliku u jilqgħu l-opportunità li joffru l-esperjenza tagħhom mill-oqsma rispettivi tagħhom.

Storikament l-OCVO kien stabbilit biex jissodisfa għadd ta' obbligi internazzjonali u wkoll biex joħloq qafas regolatorju għal organizzazzjonijiet li ma joqogħdu taħt ebda forma u struttura oħra f'oqfsa regolatorji oħra disponibbli. Dan wassal għas-sitwazzjoni fejn għandna l-formati kollha msemmija hawn fuq fir-reġistru tal-OCVO aktar milli reġistru li huwa responsabbli għal sett ta' organizzazzjonijiet.

Fl-20 ta' Ġunju 2022, il-Kabinett tal-Ministri approva l-bidu ta' riforma b'firxa wiesgħa għas-settur. Din ir-riforma ġiet iddelegata lill-OCVO. Il-pedament tar-riforma kienet reviżjoni tal-organizzazzjonijiet iskritti mal-OCVO. L-1,800+ organizzazzjoni kollha ġew riveduti f'termini tal-format tagħhom, l-iskop u l-operat tagħhom. Dan kien kruċjali biex jiġu determinati l-mogħdijiet li jirriflettu l-passi li jmiss għas-settur.

B'mod parallel ma' dan, l-OCVO għadda minn eżerċizzju ta' ristrutturar sabiex ikun jista' jiġi trasformat f'entità li mhux biss tirregola iżda sservi lis-settur filwaqt li tagħti s-setgħa u tissalvagwardja lill-organizzazzjonijiet.

# TERMINI EWLENIN

# TERMINI EWLENIN

L-ewwel sett ta' bidliet li qegħdin jiġu proposti huma dawk li ser jkunu mmirati bħala l-bażi ta' Att ġdid għas-Settur tal-Volontarjat u Not for Profit.

1. *Rwol tal-Uffiċċju*
2. *Klassifikazzjoni u Kategorizzazzjoni*
3. *Bidla fil-Proċess*
4. *Proċeduri ta' Rappurtar*




Ritratt: Kevin Cassar

# PILASTRI PRINĊIPALI TAR-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT U NOT FOR PROFIT

1. *Qafas leġiżlattiv b'saħħtu*

2. *Tnaqqis ta' Burokrazija*

3. *Żvillup akbar tal-Uffiċċju u servizzi*

4. *Settur aktar komprensiv u addattat*

5. *Kriterji aktar xierqa*

6. *Aktar għarfien dwar is-settur*



Ritratt: Noel Portelli



Ritratt: Kevin Cassar

# PRINĊIPJI GWIDA

# PRINĊIPJI GWIDA

Il-prinċipji li ġejjin assoċjati ma' din ir-riforma huma ffukati fuq li jsaħħu s-Settur tal-Volontarjat sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet preżenti u futuri tal-volontarjat f'Malta, kif ukoll ikomplu jirrikonoxxu s-settur tal-volontarjat bħala pilastru importanti fis-soċjetà, jagħtu s-saħħa u l-għodda li għandu bżonn is-settur sabiex ikun jista' jiffunzjona kif suppost u li jkollna proċess tal-bidla li jmur lil hinn mill-bidla leġiżlattiva u li jħares lejn is-settur b'mod kollettiv.

1. F'konformità mar-reviżjoni tal-organizzazzjonijiet eżistenti u l-operazzjonijiet ta' kull organizzazzjoni, huwa ppjanat li l-OCVO isir l-Uffiċċju tal-Kummissarju għas-Settur tal-Volontarjat u Not for Profit.

2. Il-kategoriji l-ġodda tal-organizzazzjonijiet ser jkunu kif ġej:

**Status**

- **Organizzazzjoni b'Għan Pubbliku u Benefiċċju Pubbliku (NP-Org)** - Il-benefiċjarju aħħari ta' fondi, servizzi u benefiċċji huwa l-pubbliku ġenerali u s-soċjetà inklużi l-individwi, klabbs u/jew organizzazzjonijiet li jikkostitwixxu l-istituzzjoni msemmija u fejn is-sħubija hija ta' natura inklużiva, minħabba ħlasijiet ta' sħubija jew aspetti oħra li l-Kummissarju jqis bħala tali

- **Organizzazzjoni ta' Benefiċċju b'Għan Pubbliku u Benefiċċju Privat (PR-Org)** - Il-benefiċjarju aħħari tal-fondi, is-servizzi u l-benefiċċji huma esklussivament l-individwi, klabbs u/jew organizzazzjonijiet li jikkostitwixxu l-istituzzjoni msemmija u fejn is-sħubija, ir-reġistrazzjoni tal-individwi, il-klabbs u/jew l-organizzazzjonijiet hija ta' natura esklussiva, minħabba ħlasijiet jew aspetti oħrajn li l-Kummissarju jqis bħala tali.

**Struttura**

- **Assoċjazzjoni / Federazzjoni / Pjattaforma**
- **Fondazzjoni**
- **Trust**

## 2. Klassi

- **Filantropika -** Fejn il-flus jiġu investiti lura fil-komunità jew l-organizzazzjoni nnifisha, li għandha skop pubbliku speċifiku li huwa ta' karità, filantropiku, u toħloq impatt soċjali fil-komunitajiet li jaħdmu u għandhom bażi ta' volontarjat u sħubija

- **Assoċjazzjonijiet Professjonali, Federazzjonijiet jew Pjattaformi -** Fejn jiġu ffurmati komunitajiet u l-flus li jinġabru prinċipalment permezz tas-sħubija jiġu investiti lura fl-organizzazzjoni nnifisha u l-membri tagħha. Dawn l-organizzazzjonijiet jaġixxu wkoll bħala lobbies biex jippreżentaw il-konsulenza politika tagħhom dwar kwistjonijiet li l-membri tagħhom huma involuti fihom

- **NGOs / Advocacy** - Organizzazzjoni Not for Profit fejn jinġabru l-flus kemm jekk permezz ta' finanzjament pubbliku u/jew privat u l-għan ewlieni tagħha huwa li sservi bħala pjattaforma għal promozzjoni fuq kwistjoni speċifika. Dawn l-organizzazzjonijiet jaġixxu wkoll bħala lobbies biex jippreżentaw il-pariri tagħhom ta' kwistjonijiet ta' policy li huma involuti fihom

- **Volontarji** - Assoċjazzjoni ta' nies Not for Profit, li hija ffinanzjata permezz ta' ġbir ta' fondi, jew finanzjament pubbliku u/jew privat jew modi filantropiċi, u l-flus jiġu investiti lura fl-organizzazzjoni biex jaqdu lill-membri tagħhom u lill-komunità li jkunu attivi fiha. L-għan ewlieni tagħhom huwa li jipprovdu opportunitajiet ta' rikreazzjoni, vokazzjonali u ta' formazzjoni fil-komunitajiet li jaħdmu fihom u li huma amministrati fuq bażi ta' volontarjat u fejn is-servizzi huma offruti minn voluntiera

- **Fornituri tas-Servizz** - Organizzazzjoni Not for Profit fejn jinġabru flus kemm jekk permezz ta' modi filantropiċi u ġbir ta' fondi, jew finanzjament pubbliku u/jew privat u li jiġi investit lura fl-organizzazzjoni nnifisha, li għandha skop pubbliku speċifiku li tipprovdi servizz lill-komunità li permezz tiegħu toħloq impatt soċjali fil-komunitajiet li taħdem fihom. Il-Fornituri tas-Servizz huma wkoll mistennija li jimpjegaw numru sinifikanti ta' impjegati biex ikunu jistgħu jwettqu x-xogħol speċjalizzat tagħhom. Il-Fornituri tas-Servizz huma wkoll il-benefiċjarji ta' fondi pubbliċi (u possibilment fil-futur privati) għall-provvista ta' servizzi taħt il-ftehimiet PSP

# 2. Klassi

- **Fondazzjonijiet Ażjendali -** Fondazzjoni għal Skop Pubbliku Not for Profit  imwaqqfa għal skopijiet filantropiċi minn organizzazzjoni tan-negozju sabiex tmexxi l-inizjattivi soċjali u CSR tagħha permezz ta' din il-fergħa.

## Kategorija

- **Interess Soċjali**
    - Edukazzjoni u Riċerka
    - Żvilupp tal-Komunità
    - Servizzi Soċjali
    - Attivita' ta' Sport Rekreazzjonali
    - Arti u Kultura
    - Inklużjoni
    - Saħħa
    - Żvilupp Internazzjonali u Għajnuna Umanitarja

- **Interess Ambjentali**
    - Ambjent Naturali
    - Ambjent Urban
    - Wirt Mibni
    - Azzjona tal-Klima
    - Benesseri tal-Annimali
    - Agrikultura

- **Governanza u Interess ta' Policy**
    - Organizzazzjonijiet Professjonali
    - Pjattaformi
    - Gruppi ta' Advocacy

- **Organizzazzjonijet ta' Fidi**
    - Kongregazzjonijiet
    - Organizzazzjonijiet jew denominazzjonijiet oħra relatati

- **Sport**
    - Assoċjazzjonijiet/Federazzjonjiiet Nazzjonali
    - Klabbs

3. Il-bidliet fil-proċessi ser ikunu s-segwenti:

- Li tkun rikonoxxuta bħala VO illum teħtieġ li organizzazzjoni **tissottometti intenzjoni** li tkun evalwata f'termini ta' skop, riskju, l-impatt soċjo-ekonomiku, u essenzjali għal dan, qafas inter-regolatorju koordinat. L-iskrizzjoni, fil-qafas tal-lum, fl-aħħar mill-aħħar hija privileġġ u mhux aspett 'regolatorju'. In-notifika hija l-iskrizzjoni regolatorja obbligatorja. Is-Settur Not for Profit kollu (Privat jew Pubbliku), wara r-ri-kategorizzazzjoni, għandu jkollu n-'NOTIFIKA' obbligatorja. In-notifika obbligatorja ser tassigura li l-organizzazzjonijiet kollha jkunu taħt ir-radar tal-OCVO

- **Iskrizzjoni vs. Notifika:** Organizzazzjonijiet bi skop pubbliku (interess pubbliku) ser jikkwalifikaw għall-iskrizzjoni, filwaqt li organizzazzjonijiet bi skop pubbliku (interess privat) ser jsiru kategorizzati permezz ta' proċess ta' notifika li ser ikun obbligatorju.

4. Proċeduri ta' Rappurtar:

### Kategorija Finanzarja

- **Kategorija Finanzjarja 1 (sa €95,000)**
  Prospett simplifikat ibbażat fuq mudell ġdid mill-OCVO. Organizzazzjonijiet li d-dħul tagħhom ser ikun taħt il-25K Eur, ser ikunu assistiti mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat / MCVS jekk meħtieġ

- **Kategorija Finanzjarja 2 (€95,000 sa €499,999)**
  Il-kontijiet għandhom jiġu ppreżentati fil-format GAPSME (jistgħu jkunu awditjati)

- **Kategorija Finanzjarja 3 (€500,000+)**
  Il-kontijiet għandhom jiġu ppreżentati fil-format GAPSME u b'opinjoni ta' awditur

- **Fornituri tas-Servizz**
  Ir-Rapportar Finanzjarju ser ikun ibbażat fuq dawk tal-Kategorija 3, irrispettivament mid-dħul. Jekk l-organizzazzjonijiet għandhom PSP, japplika l-format ta' rappurtar meħtieġ mitlub mill-Entità Pubblika li tipprovdi l-PSP.

## 4. Ir-Rappurtar irid jinkludi wkoll:

- Rapport tal-Lista tal-Amministraturi (mibdul b’templates użati mill-MBR)
- Rapporti ta' Memberships
- Ġbir Pubbliku + Ħwienet tal-Karità (rapport dejjem dovut fejn applikabbli)
- Rapport Annwali tal-Attività
- Statut emendat b'bidliet track changes (fejn applikabbli)
- Prospett Annwali (inkluż it-taqsima tal-bidla fl-indirizz biex tissostitwixxi l-formola).

Biex jiġi żgurat l-ogħla livell ta’ skrutinju wkoll f’termini ta’ operat, il-konformità ta’ organizzazzjonijiet li jeħtieġu liċenzja jew approvazzjoni minn korpi regolatorji oħra ser ikollhom ukoll id-dokumenti li ġejjin meħtieġa:

### Liċenzja

- **Service Providers**
  - Liċenzja minn entità rispettiva
- **Organizzazzjonijiet Sportivi**
  - Approvazzjoni/konformità tal-liċenzja – AIMS
  - Għan li jipprovdi dokumentazzjoni riċevuta mill-organizzazzjoni
- **Santwarji tal-Annimali**
  - Approvazzjoni mill-Animal Welfare
- **Organizzazzjonijiet li jaħdmu mat-tfal**
  - Approvazzjoni POMA bis-sottomissjonijiet

## 4. Konformità / Compliance

- Minħabba l-fatt li numru sinifikanti ta' organizzazzjonijiet qegħdin isibuha diffiċli biex jingħataw servizz minn organizzazzjonijiet professjonali, qiegħed jiġi rrakkomandat li l-Compliance tkun valida għal 18-il xahar minflok 12-il xahar, filwaqt li l-obbligu li jiġu sottomessi d-dokumenti jibqa' kif inhu.

  Qiegħed jiġi propost li dawn il-bidliet, jekk jiġu approvati, jiġu implimentati fuq perjodu ta' 12-il xahar.



# PJAN TA' IMPLIMENTAZZJONI

# PJAN TA' IMPLIMENTAZZJONI

## 1. Qafas leġiżlattiv b'saħħtu

- Ġew identifikati l-aspetti legali pertinenti li jeħtieġ li jiġu indirizzati dwar il-liġi attwali, inkluż minħabba koinċidenza ma' liġijiet/aspetti regolatorji oħra.

  Il-liġi l-ġdida trid tkun strutturata sabiex tagħti tweġibiet u ma toħloqx aktar mistoqsijiet f'moħħ il-qarrej. Għandha tadatta għas-settur li dejjem jinbidel u li huwa differenti ħafna minn kif kien fl-2007. L-att il-ġdid ser ikun liġi li tista' tiġi distinta minn oħrajn bħala li hija faċli ħafna biex tiġi segwita minn kulħadd, fejn il-proċeduri jiġu spjegati u fejn l-organizzazzjonijiet jistgħu jirreferu għaliha bħala manwal mingħajr il-ħtieġa li jiġi ingaġġat professjonist legali biex tiġi spjegata. Definizzjonijiet sempliċi għandhom jiftħu l-liġi l-ġdida.

## 2. Tnaqqis ta' Burokrazija

- Il-kunċett tal-One-Stop-Shop ser ikompli jkun żvillupat, fejn ser inkomplu nnaqsu l-burokrazija, billi fost affarijiet oħra, l-listi u d-dokumenti tal-amministraturi ser jiġu sostitwiti b'dawk użati mill-MBR. L-OCVO ser ikun l-uniku interface għall-organizzazzjonijiet, peress li l-OCVO ser jieħu ħsieb id-dokumentazzjoni mal-MBR u għalhekk m'hemmx għalfejn dokumentazzjoni tiġi preparata għal regolaturi differenti.

## 3. Żvillup akbar tal-Uffiċċju u servizzi

- Il-liġi l-ġdida li għandha tiġi abbozzata għandha tiddetermina r-rwol u l-mandat li dan l-Uffiċċju għandu ikollu, wkoll bħala entità li taġixxi kemm bħala regolatur, kif ukoll fil-mod kif tista' tassisti lill-organizzazzjonijiet għar-rekwiżiti regolatorji tagħhom. Dan ikompli jsegwi ma' punt numru 2.

## 4. Settur aktar kompreħensiv u addattat

- It-terminu tal-volontarjat ser jikklassifika biss organizzazzjonijiet volontarji – il-kunċett Not for Profit ser jitħaddan u għalhekk l-organizzazzjonijiet jistgħu jkunu jew għal benefiċċju pubbliku ultimu jew għal benefiċċju privat ultimu u jistgħu jiġu strutturati fi kwalunkwe forma li hija permissibbli taħt il-liġijiet ta' Malta.

## 5. Kriterji aktar xierqa

- Hawn ħtieġa għall-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni aktar ugwali, għall-għoti ta' appoġġ prattiku lill-organizzazzjonijiet kif ukoll għall klassifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet sabiex jista' jkun hemm id-divrenzjar tar-rekwiżiti ta' rappurtar skont id-daqs u l-fatturat u l-iskop tal-organizzazzjonijiet.

## 6. Aktar għarfien dwar is-settur

- Settur li irid ikompli jkun rikonoxxut bħala pilastru soċjo-ekonomiku importanti fis-soċjetà u jelimina n-narrattiva tad-dilettantiżmu.



Ritratt: Godwin Borg



Ritratt: Renata Apanaviciene

# PROĊESS KONSULTATTIV

# PROĊESS KONSULTATTIV

Il-kontribuzzjonijiet huma mfittxija b'mod partikolari minn: organizzazzjonjiiet, fondaturi, amministraturi, membri, voluntiera u benefiċċjarji ta' organizazzjonjiet u kwalunkwe persuni li għandhom għal qalbhom il-volontarjat u s-settur Not for Profit.

Sabiex nassiguraw li l-għanijiet ta' din ir-riforma jintlaħqu, il-pubbliku qiegħed jintalab jagħti r-rispons tiegħu dwar il-mistoqsijiet li jsegwu:

1. X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar il-qafas strateġiku propost f'dan id-dokument? Taqbel mal-Prinċipju Gwida u l-Pjan t'Implimentazzjoni?

2. Kif jista' l-OCVO jimplimenta r-riforma m'mod aċċessibbli, prattiku, effiċjenti u effettiv?

3. Liema sforzi, programmi u inizjattivi kumplimentari tanġibbli u fattibli tipproponi biex jinkisbu riżultati aħjar?




Ritratt: Kevin Cassar

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI
U L-VOLONTARJAT

**IR-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT U *NOT FOR PROFIT***